# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**AĠENT PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 29 ta' Ottubru 2018**

**Numru 2**

**Rikors maħluf numru 368/2013 JPG**

**Vincent Edward Ciliberti fil-kwalità tiegħu ta' sekwestratarju ġudizzjarju tas-soċjetà *Resort Hotels Limited* (C616)**

***v.***

**Finvest International Limited (C4855)**

1. Din is-sentenza hija dwar talba magħmula mill-attur Vincent Edward Ciliberti *nomine* biex jinstema' mill-ġdid appell maqtugħ b'sentenza ta' din il-qorti tas-7 ta' Novembru 2016, wara li titħassar dik is-sentenza għax l-attur igħid illi s-sentenza applikat il-liġi ħażin u hija effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża (art. 811 para. (*e*) u (*l*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili). Il-fatti relevanti huma dawn:

2. Is-soċjetà attriċi *Resort Hotels Limited* ["*Resort Hotels*"] kienet isselfet somma flus mingħand terzi iżda tgħid illi dawn il-flus għaddew f'idejn is-soċjetà konvenuta *Finvest Limited* ["*Finvest*"], u l-flus gawdiethom *Finvest*. Billi għalhekk dehrliha illi *Finvest* għandha troddilha dawn il-flus kif ukoll l-imgħaxijiet kummerċjali fuqhom, l-attriċi – li deher għaliha Vincent Edward Ciliberti bħala sekwestratarju ġudizzjarju – fetħet din il-kawża tallum u talbet illi l-qorti:

> »1. tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjetà intimata [*Finvest*] hija kreditriċi [*recte*, debitriċi] tas-soċjetà *Resort Hotels Limited* fis-somma ta' €230,138.57 ekwivalenti għas-somma ta' Lm98,798.49 jew dik is-somma verjuri li tirriżulta dovuta mis-soċjetà intimata lis-soċjetà rikorrenti;
>
> »2. tikkundanna lis-soċjetà intimata *Finvest International Limited* tħallas lis-soċjetà *Resort Hotels Limited* is-somma ta' €230,138.57 ekwivalenti għas-somma ta' Lm98,798.49 jew dik is-somma verjuri li tirriżulta dovuta mis-soċjetà intimata lis-soċjetà rikorrenti.«

3. Fost l-eċċezzjonijiet imressqa minn *Finvest* kien hemm eċċezzjonijiet preliminari dwar il-validità tal-azzjoni; dawn l-eċċezzjonijiet igħidu hekk:

> »1. illi r-rikors ġuramentat promotur huwa null u mingħajr effett *stante* li Vincent Edward Ciliberti jonqsu l-interess ġuridiku sabiex jipproponi u jissokta l-istess kawża;
>
> »2. illi *inoltre* r-rikors ġuramentat promotur huwa null *stante* l-istess rikors ġuramentat ma ġiex preżentat u maħluf minn xi wieħed mill-persuni msemmija fl-artikolu 181A(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jew minn xi persuna appożitament awtorizzat għal dak il-għan minn qorti kompetenti;
>
> »3. illi *inoltre* r-rikors ġuramentat promotur huwa null *stante* li l-preżentata tar-rikors ġuramentat ma kienx awtorizzat mill-persuni vestiti mir-rappreżentanza ġuridika u legali tas-soċjetà attriċi.«

4. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet dawn l-eċċezzjonijiet, u ordnat li jitkompla s-smigħ tal-kawża, għal raġunijiet li fissrithom hekk:

> »… … … Vincent Ciliberti fil-kwalità tiegħu ta' sekwestratarju ġud-izzjarju kien ingħata setgħat ampjissimi biex jaġixxi "bil-poteri kollha

tad-diretturi u in sostituzzjoni tal-istess”, dejjem fl-interess tas-salvagwardja tad-drittijiet tas-soċjetà rilevanti.

»Isegwi għaldaqstant illi, b’dawn il-poteri ampjissimi lilu mogħtija minn qorti kompetenti *qua* sekwestratarju ġudizzjarju, huwa kellu s-setgħa li jintavola l-proċeduri kollha neċessarji sabiex jipproteġi d-drittijiet u l-interessi tas-soċjetajiet fdati f’idejh. Infatti Ciliberti, *qua* sekwestratarju ġudizzjarju, kien ġà intavola u inizja diversi proċeduri legali sabiex jiġbor il-fondi dovuti lis-soċjetajiet rilevanti u għamel diversi ħlasijiet dovuti, u ebda opposizzjoni mid-diretturi tas-soċjetajiet ma ġiet reġistrata meta l-fondi kienu qegħdin jinġabru mill-istess sekwestratarju b’riżultat tal-proċeduri legali minnu inizjati.

»“Illi din il-qorti għal kull buon fini għamlet indaġni ulterjuri għal kunċett li fid-dottrina Ingliża ġie żviluppat u *cioè the doctrine of ostensible authority.* Fis-sentenza *Freeman & Lockyer v. Buckhurst Park Properties (Magal) Ltd* (CA 1964) [1964] 2 QB 480 [1964] 2 WLR 618 [1964] 1 All ER 630 dik id-dottrina kienet spjegata bil-mod segwenti –

> »“An apparent or ostensible authority is a legal relationship between the principal and the contractor created by a representation made by the principal to the contractor intended to be and in fact acted upon by the contractor, that the agent has authority to enter on behalf of the principal into a contract of a kind within the scope of the ‘apparent’ authority, so as to render the principal liable to perform any obligations imposed upon him by such a contract.”

»Fis-sentenza *Hely-Hutchinson v. Brayhead Ltd* (CA 1967) [1968] 1 QB 549 [1967] 3 WLR 1408 [1967] 3 All ER 98 ġie ritenut li –

> »“… authority may be implied from the conduct of the parties and the circumstances of the case.”

»… … …

»Illi fil-każ in eżami s-sekwestratarju ġudizzjarju, fil-fehma ta’ din il-qorti, ingħata minn qorti kompetenti l-poteri kollha tad-diretturi kollha tas-soċjetajiet fdati f’idejh. Dan ifisser li kellu l-*judicial representation* ta’ dawn is-soċjetajiet, u kien l-uniku persuna li kellu s-setgħa jinizja proċeduri legali sal-finalità tagħhom għas-salvagwardja tal-interessi tas-soċjetajiet rilevanti. … … … Minn dan isegwi illi Vincent Ciliberti mhux biss kellu l-interess ġuridiku neċessarju sabiex jipproponi l-kawża, izda kellu d-dover li jagħmel dan. … … …

»Għal dawn il-motivi l-qorti tiċħad l-ewwel eċċezzjoni ulterjuri tas-soċjetà *Finvest International Limited*.

»Il-qorti tgħaddi biex teżamina t-tieni eċċezzjoni u tagħmel referenza għall-artikolu 181A (2) tal-Kapitolu 12:

> »“181A. (2) Kull dikjarazzjoni jew skrittura li għandha tinħalef skont il-liġi għandha, fil-każ ta’ korp li jkollu personalità ġuridika distinta, tinħalef mill-persuna jew persuni li jkollhom ir-rappreżentanza ġuridika ta’ dak il-korp jew minn kull segretarju tal-kumpannija jew minn kull persuna oħra li tkun awtorizzata bil-miktub minn dak il-korp sabiex tippreżenta atti ġudizzjarji f’ismu jew li jagħmel dikjarazzjoni, risposta ġuramentata jew skrittura bħal dawk imsemmija.”

»Jirriżulta ampjament illi ġaladarba s-sekwestratarju ġudizzjarju ngħata l-poteri kollha tad-diretturi tas-soċjetajiet rilevanti, huwa kellu r-rappreżentanza ġuridika ta' dawn is-soċjetajiet u kien il-persuna mogħnija bis-setgħa *ai termini* tal-artikolu 181A tal-Kapitolu 12 biex jintavola l-proċeduri legali u jaħlef l-iskritturi u d-dikjarazzjonijiet rilevanti għas-salvagwardja tal-interessi tal-istess soċjetajiet.

»Għaldaqstant il-qorti tiċħad it-tieni eċċezzjoni ulterjuri.

»Għar-rigward tat-tielet eċċezzjoni ulterjuri, u *cioè* illi r-rikorrenti Ciliberti "ma kienx awtorizzat mill-persuni vestiti mir-rappreżentanza ġuridika u legali tas-soċjetà attriċi", din l-eċċezzjoni hija pjenament marbuta u ssegwi minn l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet ulterjuri. Il-qorti, waqt illi tagħmel aċċenn għal dak fuq affermat, tqis illi Vincent Ciliberti, fil-kwalità tiegħu ta' sekwestratarju ġudizzjarju u mogħti l-poteri kollha tad-diretturi u awtorizzat jaġixxi in sostituzzjoni tagħhom, ma kien jeħtieg ebda awtorizzazzjoni ulterjuri ta' xi direttur ieħor tas-soċjetajiet rilevanti, ma kien jeħtieġ ebda resoluzzjoni espliċita tal-bord tad-diretturi għaliex is-setgħa mogħtija mill-qorti diversament preseduta in effett kellha l-konsegwenza li tinvesti l-poteri kollha tal-bord tad-diretturi fis-sekwetratarju ġudizzjarju.

»Għal dawn il-motivi l-qorti tiċħad l-ewwel tliet eċċezzjonijiet ulterjuri ta' *Finvest International Limited*, bl-ispejjeż kontra *Finvest International Limited*.«

5. *Finvest* appellat, u din il-qorti, bis-sentenza tas-7 ta' Novembru 2016 li qiegħda tiġi attakkata b'dawn il-proċeduri tallum, ħassret is-sentenza appellata u laqgħet l-eċċezzjonijiet għal raġunijiet li fissrithom hekk:

»L-aggravji prinċipali mressqa mill-attur *nomine* [*recte*, mis-soċjetà konvenuta] appellanti jistgħu jinġabru f'wieħed – dak li l-attur fil-kwalità tiegħu ta' sekwestratarju ġudizzjarju ma għandux is-setgħa li jistitwixxi din il-kawża. Il-partijiet jaqblu – u din il-qorti taqbel magħhom – li sfortunatament il-liġi tagħna hija pjuttost skarna fir-rigward tad-dispos-izzjonijiet li jirregolaw dan l-istitut. Fil-fatt l-artikoli tal-Kap. 12 illi jir-regolawh huma dawn:

»"**851.** (1) Il-qorti tista', f'kull waqt tal-kawża, tordna, fuq talba ta' waħda mill-partijiet, jew *ex officio*, is-sekwestru ġudizzjarju.

»"(2) Għal dan is-sekwestru mhix meħtieġa d-dikjarazzjoni bil-ġurament msemmija fl-artikolu 831(2).

»"(3) Is-sekwestru li jkun ġie hekk ordnat jibqa' jseħħ sakemm ma jiġix imħassar mill-qorti.

»"(4) B'dan is-sekwestru l-qorti tista' tordna li l-oġġett li dwaru jkun hemm il-kawża jiġi ddepożitat jew ikkunsinnat għand terza persuna illi tobbliga ruħha li trodd l-oġġett, wara t-tmiem tal-kawża jew fiż-żmien mogħti mill-qorti, lil dak li lilu l-qorti tordna li l-oġġett għandu jintradd.

»"**852.** Is-sekwestru msemmi fl-aħħar artikolu qabel dan jista' jiġi ordnat ukoll fuq immobbli, meta l-kwistjoni tkun fuq il-pussess jew

fuq il-proprjetà tal-immobbli jew meta jkun meħtieġ sabiex jit-qiegħdu fiż-żgur jew jitħarsu l-jeddijiet ta' min jista' jkollu interess.

»"**853.** (1) Is-sekwestratarju jiġi magħżul jew bil-kunsens tal-parti-jiet interessati, inkella mill-qorti *ex officio*.

»"(2) Is-sekwestratarju hu suġġett għall-istess obbligi bħad-depo-żitarju.

»"**854**. Is-sekwestratrarju maħtur taħt l-artikolu 851 għandu jedd għal dak il-ħlas li l-qorti fid-diskrezzjoni tagħha jidhrilha li lilu jmiss.

»Tajjeb li f'dan l-istadju l-qorti telenka d-disposizzjonijiet tal-Kap. 16 li jirregolaw l-obligu tad-depożitarju:

»"**1899**. Id-depożitarju għandu, fil-kustodja tal-ħaġa taħt depożitu, jieħu ħsieb daqs kemm jieħu fil-kustodja ta' ħwejġu.

»"… … …

»"**1902**. Id-depożitarju ma jistax jinqeda bil-ħaġa ddepożitata, mingħajr il-kunsens, espress jew preżunt, tad-depożitant.

»"… … …

»"**1904**. (1) Id-depożitarju għandu jrodd dik il-ħaġa stess li jkun irċieva, fl-istat li din tkun tinsab fiż-żmien tar-radd."

»… … …

»Stabbilit dan, il-qorti allura se teżamina x'inhu d-dmir tal-attur *nomine* fil-kwalità tiegħu premessa f'din il-vertenza u, biex tagħmel dan, neċessarjament trid teżamina x'kienu ċ-ċirkostanzi li wasslu għan-nomina tiegħu.

»Fil-kawza <u>Busietta *nomine v.* Gatt *nomine*</u>, deċiza finalment minn din il-qorti diversament komposta fit-30 ta' Mejju 2008[1], l-attur ġie nominat sekwestratarju ġudizzjarju fl-2005 … … … [I]l-Prim'Awla kienet iddikjarat li huwa kellu l-awtorizzazzjoni li jaġixxi "bil-poteri kollha ta' direttur u in sostituzzjoni tal-istess, dejjem fl-interess tas-salvagwardja mad-drittijiet tal-azzjonijiet tas-soċjetà". Din il-kawża kienet ġiet istit-wita mill-attur *nomine* biex jiġi dikjarat null kuntratt ta' trasferiment ta' azzjonijiet tas-soċjetà *Resort Hotels Holidays Limited* liema talba ġiet milqugħa mill-ewwel qorti; is-sentenza ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fid-data appena msemmija. Is-sentenza ordnat ukoll li l-azzjonijiet in kwistjoni jiġu ritornati lill-attur *nomine* permezz ta' kuntratt li kellu jkun ippublikat *entro* tletin ġurnata mid-data tas-sentenza.

»Huwa evidenti għalhekk li n-nomina tas-sekwestratarju ġudizzjarju f'din il-kawża saret biex jiġi aċċertat li l-azzjonijiet in kwistjoni jiġu salvagwardati sakemm tiġi deċiża l-kawża; … … … Is-sekwestru ġudizzjarju jsir fuq l-oġġetti jew immobbli li dwarhom hemm il-kawża. Għalhekk fil-każ in eżami n-nomina saret għar-rigward tal-azzjonijiet fis-soċjetà msemmija; u kien f'dak l-ambitu li s-sekwestratarju kellu s-setgħat li tatu l-qorti permezz tad-digriet imsemmi. *Una volta* l-azzjonijiet ġew ritornati lill-attur *nomine* kif iddeċidiet il-qorti, l-inkarigu tal-appellat ġie fi tmiemu.

»Din il-qorti għalhekk taqbel mal-appellant li s-setgħat tal-appellat fil-kwalità tiegħu msemmija ntemmu malli ġiet esegwita s-sentenza li fiha

1 Ċitaz. nru 1974/1995.

ġie nominat. Minn hemm 'il quddiem l-obbligu li jieħu ħsieb l-interessi tas-soċjetà in kwistjoni jaqa' fuq min għandu jew kellu dak l-obbligu skont l-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386). Il-qorti jidrilha wkoll li, jekk l-attur jiġi ikkonsidrat li għandu s-setgħa li qed jirreklama li għandu f'din il-kawża, ikun ifisser li jiġu skartati l-provvedimenti ta' dak l-Att, li huwa definittivament il-liġi speċjali illi tirregola s-soċjetajiet kummerċjali.

»Għal dawn il-motivi l-qorti tirrevoka s-sentenza appellata u dan billi tilqa' l-eċċezzjonijiet preliminari tas-soċjetà konvenuta appellanti u tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju; *in vista* tan-novità tal-materja in kwistjoni, l-ispejjeż kollha tal-kawża u *cioè* tal-ewwel istanza u dawk tal-appell ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.«

6. B'rikors tas-6 ta' Frar 2017 Vincent Edward Ciliberti talab illi l-appell jinstema' mill-ġdid, wara li titħassar is-sentenza appellata għax igħid illi s-sentenza applikat il-liġi ħażin u hija effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża (art. 811 para. (*e*) u (*l*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili).

7. Qabel ma tqis il-meritu tat-talba għat-tħassir tas-sentenza tas-7 ta' Novembru 2016, jinħtieġ li l-qorti tqis l-eċċezzjoni mressqa minn *Finvest* tan-nullità tar-rikors li bih saret it-talba.

8. L-eċċezzjoni hija msejsa fuq l-art. 816 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

»**816.** Fir-rikors … … … l-attur għandu jsemmi wieħed wieħed il-kapi tas-sentenza li jkun irid jattakka, u r-raġunijiet għar-ritrattazzjoni fil-kliem li huma miġjuba fl-artikolu 811, u għandu jsemmi d-dispos-izzjonijet ta' dak l-artikolu li jgħoddu għal dawk ir-raġunijiet. Barra minn dan, l-attur għandu jfisser, fil-qosor u biċ-ċar, il-fatti li minnhom tirriżulta kull waħda minn dawk ir-raġunijiet; u, meta r-raġuni hija l-applikazzjoni ħażina tal-liġi, l-attur għandu jsemmi l-liġi li kien imissha ġiet applikata.«

9. L-eċċezzjoni ġiet imfissra hekk:

»… … … minn qari tal-preċitat artikolu jidher ċar li għandu jirriżulta n-nullità tar-rikors fejn jintalab ir-ritrattazzjoni minħabba n-non-osser-vanza tar-rekweżiti ċitati f'dan l-artikolu 816 tal-Kap. 12 … … …

»Ir-rekweżiti tal-artikolu 816 tal-Kap. 12 jistgħu jiġu riassunti fis-segwenti tliet proposizzjonijiet:

i. min jagħmel it-talba għandu jsemmi wieħed wieħed il-kapi tas-sentenza li jkun irid jattakka, u r-raġunijiet għar-ritrattazzjoni fil-kliem li huma miġjuba fl-artikolu 811;

ii. min jagħmel it-talba għandu jsemmi d-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu li jgħoddu għal dawk ir-raġunijiet;

iii. min jagħmel it-talba għandu jfisser, fil-qosor u biċ-ċar, il-fatti li minnhom tirriżulta kull waħda minn dawk ir-raġunijiet: u meta r-raġuni hija l-applikazzjoni ħażina tal-liġi, l-attur għandu jsemmi l-liġi li kien imissha ġiet applikata.

»Illi minn qari ta' dawn it-tliet proposizzjonijiet preċitati jirriżulta biċ-ċar li r-rikors għandu jkun fih esposizzjoni tal-fatti saljenti u essenzjali tat-talba, esposti b'mod ċar u komplet fil-kliem li huma miġjuba fl-artikolu 811, u fejn jissemmew id-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu li jgħoddu għal dawk ir-raġunijiet, b'mod li l-kontroparti tkun tista' tifhem fuqiex għandha tiddefendi ruħha jew tittratta, u b'mod li dina l-onorabbli qorti tkun tista' ssegwi sewwa l-isvolġiment tal-każ u tillimita d-dibattitu għal dak li hu bżonnjuż u tirrikjedi l-iskajarimenti meħtieġa.

»Illi għalhekk ma jkunx sodisfatt il-vot tal-liġi jekk il-fatti jkunu sparpaljati b'mod li wieħed irid joqgħod jistad għalihom biex forsi jindividwahom.«

10. Is-sentenza attakkata effettivament fiha kap wieħed – dak li bih int-laqgħu l-eċċezzjonijiet preliminari ta' *Finvest* – u għalhekk il-ħtieġa li jissemmew wieħed wieħed il-kapi tas-sentenza li qegħdin jiġu attakk-ati hija sodisfatta bit-talba li s-sentenza titħassar. Id-disposizzjonijiet tal-liġi li jgħoddu għall-każ – il-para. (*e*) u (*l*) tal-art. 811 – huma msemmija wkoll b'referenza għall-kap waħdieni li għalih jirreferu. Kif sejjer jidher ukoll fil-konsiderazzjonijiet dwar ir-raġuni li s-sentenza applikat il-liġi ħażin, ir-rikors isemmi wkoll il-liġi li, fil-fehma tar-rikorrent, kellha tiġi applikata.

11. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti ma tarax illi humm l-estremi taħt l-art. 789 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili biex tista' tintlaqa' l-eċċezzjoni ta' nullità tar-rikors. L-eċċezzjoni hija għalhekk miċħuda.

12. Il-qorti sejra għalhekk tgħaddi biex tqis l-ewwel aggravju: dak li s-sentenza attakkata applikat il-liġi ħażina. Essenzjalment ir-rikors igħid

illi kellu jiġi applikat l-art. 851(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u mhux id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili li jirregolaw il-mandat jew id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Kumpanniji li jirregolaw ir-rappreżentanza ta' soċjetajiet kummerċjali u s-setgħat tad-diretturi:

> »Hija l-fehma tal-esponenti illi din l-onorabbli qorti applikat il-liġi ħażina meta hija ħassret is-sentenza tal-onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-17 ta' April 2015, laqgħet l-appell ta' *Finvest International Limited* u ddikjarat illi l-esponenti, fil-mument li ġiet intavolata l-kawża, ma kellux is-setgħat jagħmel dan għaliex il-ħatra tiegħu kienet ġiet fi tmiemha. Din l-onorabbli qorti sejset din il-konklużjoni fuq il-kunsiderazzjoni illi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta' Mejju 2008 fl-ismijiet Adrian Busietta *pro et noe v.* Philip O. Gatt *pro et noe* bin-numru 1974/1995 kienet ġiet esegwita fl-interezza tagħha fl-14 ta' Mejju 2009 u *cioè* bit-trasferimenti ta' ishma … … … u li s-sekwestru ġudizzjarju jiġi fi tmiemu mal-esekuzzjoni tas-sentenza.
>
> »F'dan ir-rigward issir referenza għall-artikolu 851(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li testwalment jiddisponi kif isegwi:
>
> > »"(3) Is-sekwestru li jkun ġie hekk ordnat jibqa' jseħħ sakemm ma jiġix imħassar mill-qorti."
>
> »Dan l-artikolu, fil-fehma umli tal-esponenti, ma jħalli l-ebda lok għal interpretazzjoni u ma jistax jigi interpretat b'mod ieħor għajr li dak is-sekwestru ġudizzjarju li jkun ġie ordnat minn qorti jlbqa' fis-seħħ sakemm dik l-istess qorti tordna t-tħassir tiegħu. Fir-reġim proċedurali nostrali, dan it-tħassir jista' jsir permezz ta' digriet, provvediment jew sentenza tal-qorti li tkun ordnat is-sekwestru ġudizzjarju.
>
> »Dan l-artikolu, li jirreferi espliċitament għas-sekwestru ġudizzjarju, għandu għalhekk jiġi kkunsidrat bħala *lex specialis*, u jeradika kompletament il-possibilità tal-applikazzjoni ta' disposizzjonijiet oħra, inkluż dawk applikabbli għal mandati u kif ukoll dawk tal-Att dwar il-Kumpanniji li din l-onorabbli qorti għamlet referenza għalihom fis-sentenza tas-17 ta' Novembru 2016. Huwa f'dan is-sens illi din l-onorabbli qorti, fil-fehma kunsidrata tal-esponent, applikat ħażin il-liġi, u *cioè* meta hija kkunsidrat illi s-sekwestratarju ġie fi tmiemu mal-esekuzzjoni tas-sentenza tal-qorti u meta kuntrarjament għal dak espressament mitlub *ai termini* tal-artikolu 851(3) tal-Kap. 12 ma ngħata l-ebda digriet, provvediment jew sentenza minn din l-onorabbli qorti li permezz tiegħu ġie ordnat it-tħassir tas-sekwestru minnha ordnat.
>
> »Fid-dawl ta' dan, l-esponenti jikkontendi illi ġaladarba l-qorti ma ħassritx is-sekwestru minnha ordnat skond ma jipprovdi l-artikolu 851(3) tal-Kap. 12, is-sekwestru ġudizzjarju għadu fis-seħħ u jibqa' fis-seħħ sakemm ma jingħatax digriet, provvediment jew sentenza li jordna t-tħassir tiegħu u jeżmini lis-sekwestratarju ġudizzjarju mir-responsabilitajiet li hija kienet xeħtet fuqu.«

13. *Finvest* fit-tweġiba tagħha tgħid illi l-allegazzjoni ta’ applikazzjoni ħażina tal-liġi “tikkonsisti fl-allegazzjoni illi bis-sentenza tagħha tas-7 ta’ Novembru 2016 dina l-qorti applikat il-liġi t-tajba b’mod ħażin”. *Finvest* iżda qiegħda tgħid ħażin għax dak li jingħad fir-rikors huwa li l-qorti applikat id-disposizzjonijiet dwar il-mandati u dawk tal-Att dwar il-Kumpanniji meta kellha, minflok, tapplika l-art. 851(3) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u mhux li applikat ħażin il-liġi li kellha tapplika.

14. *Finvest* tgħid ukoll iżda illi effettivament kien hemm provvediment tal-qorti li bih tħassar is-sekwestru ġudizzjarju:

> »Għal dak li għandu x’jaqsam mat-tmiem tal-ħatra ta’ Vincent Ciliberti bħala sekwestratarju ġudizzjarju a tenur tan-nomina fil-kawza <u>Adrian Busietta *pro et noe v.* Philip O. Gatt *pro et noe*</u> ssir refenza għall-atti tar-rikors prezentat fir-reġistru ta’ dina l-onorabbli qorti fil-15 ta’ Ġunju 2015 … … …
>
> »F’dak ir-rikors, is-soċjetà esponenti kienet talbet “illi dina l-onorabbli qorti, a tenur tal-artikolu 851(3) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, tirrevoka l-ħatra tas-sekwestratarju ġudizzjarju s-Sur Vincent Ciliberti b’effett mit-13 ta’ Mejju 2009, *cioè* d-data meta ġie esegwit ix-*share transfer agreement* li permezz tiegħu s-sentenza mogħtija mill-onorabbli Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta’ Otturbu 2003 u kkonfermata *in toto* mill-onorabbli Qorti tal-Appell fit-30 ta’ Mejju 2008 ġiet pjenament esegwita”.
>
> »Illi skond ma jirriżulta mill-verbal ta’ dakinhar … … … ġie verbalizzat hekk-
>
>> »“il-partijiet jaqblu li s-sentenza tat-30 ta’ Mejju 2008 illum ġiet esegwita fl-interezza tagħha peress li t-trasferiment ta’ *one share* li kellu isir lil Adrian Busietta *pro et nomine* sar … … …
>>
>> »Ir-rikors qed jiġi differit *sine die”*.«
>
> »… … …
>
> »Illi kif jirriżulta mill-imsemmija sentenza tas-7 ta' Novembru 2016 [is-sentenza attakkata], id-dikjarazzjoni ta’ dina l-onorabbli qorti li s-setgħat tal-appellat fil-kwalità tiegħu msemmija intemmu malli ġiet esegwita s-sentenza li fiha ġie nominat u minn hemm ’il quddiem l-obbligu li jieħu ħsieb l-interessi tas-soċjetà in kwistjoni jaqa’ fuq min għandu jew kellu dak l-obbligu skont l-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386) inghatat wara li dina l-onorabbli qorti kienet l-ewwel ikkonsidrat appuntu l-provvedimenti li jirregolaw l-istitut ta' sekwestratarju ġudizzjarju u wara studju approfondit ta’ x’kienu ċ-ċirkostanzi li wasslu

> għan-nomina tiegħu u anke tal-fatti partikolari tal-każ u l-liġijiet applikabbli … … …«

15. Il-kwistjoni effettivament hija jekk is-sentenza attakkata qalitx sew li s-setgħat tas-sekwestratarju ntemmu bl-esekuzzjoni tas-sentenza fil-kawża li fiha nħatar (bla ħsara għalissa għall-kwistjoni jekk, bħala fatt, dik is-sentenza ġietx tassew esegwita, li hu l-meritu tal-aggravju taħt il-para. (*l*) tal-art. 811) jew jekk kellhiex, minflok, b'applikazzjoni tal-art. 851(3), tara kienx hemm provvediment li temm il-ħatra. Ma huwiex validu l-argument ta' *Finvest* li l-provvediment li temm il-ħatra ngħata bid-dikjarazzjoni, fis-sentenza attakkata stess, li s-setgħat tas-sekwestratarju ntemmu, għax fil-kawża maqtugħa bis-sentenza attakkata ma kien hemm ebda talba għal dikjarazzjoni bħal dik: id-dikjarazzjoni magħmula fis-sentenza attakkata ma saritx biex effettivament ittemm il-ħatra iżda biex tagħraf il-fatt li s-setgħat intemmu bl-esekuzzjoni tas-sentenza, u għalhekk dawk is-setgħat kienu ntemmu qabel ma saret id-dikjarazzjoni, u mhux intemmu bis-saħħa tagħha. Tibqa' għalhekk il-kwistjoni jekk kienx biżżejjed li tiġi esegwita s-sentenza biex is-setgħat jintemmu – kif fehmet is-sentenza attakkata – jew huwiex meħtieġ li, kif igħid l-art. 851(3), ikun hemm ordni espress ta' tħassir mogħti mill-qorti.

16. Is-sekwestratarju ġudizzjarju (inizjalment persuna oħra li mbagħad flokha nħatar Vincent Edward Ciliberti) inħatar b'dikriet tad-9 ta' Mejju 1997 fl-atti tal-kawża Adrian Busietta *et v*. Philip O. Gatt *et* (ċitazzjoni numru 1974/1995). Il-kawża kienet dwar min kellu titolu għal ishma fis-soċjetajiet kummerċjali *Resort Hotels Limited* (is-soċjetà attriċi

tallum) u *Resort Hotels Holdings Limited.* Is-sekwestratarju ġudizzjarju nħatar sabiex iżomm dawk l-ishma "inklużi l-jeddijiet kollha aċċessorji u anċillari annessi mal-istess", naturalment sakemm ikun deċiż lil min imissu l-ishma, għalkemm fid-dikriet tal-ħatra ma jingħadx hekk espressament. Billi qamet kwistjoni bejn il-partijiet jekk is-sekwestratarju ġudizzjarju kellux ukoll is-setgħa li jmexxi s-soċjetajiet u n-negozju tagħhom ladarba kellu f'idejh biss l-ishma, li ma jagħtux setgħat ta' tmexxija tal-kumpannija, is-sekwestratarju ġudizzjarju b'rikors tas-7 t'Awissu 1998 talab lill-qorti tippreċiża:

> »1. jekk huwa huwiex awtorizzat li jaġixxi bil-poteri kollha tad-diretturi u in sostituzzjoni tal-istess, dejjem fl-interess tas-salvagwardja tad-drittijiet marbutin mal-azzjonijiet tas-soċjetà;
>
> »2. f'każ ta' risposta posittiva għall-premess, l-esponenti jifhem illi huwa awtorizzat li jingaġġa persuni u jutilizza mezzi idonei għall-ġestjoni tal-istess lukanda, dejjem jekk din il-qorti jidhrilha xierqa, taħt id-direzzjoni u prevja konferma ta' din il-qorti;
>
> "3. illi huwa jitqiegħed f'posizzjoni li, apparti r-rifużjoni ta' spejjeż diġà magħmula u drittijiet skond il-liġi, jipperċepixxi mid-dħul tal-istess soċjetà ammonti mensili li jkopru l-ispejjeż u d-drittijiet tal-ġestjoni *de quo*.«

17. Il-qorti b'dikriet tal-5 ta' Frar 1999 iddeċidiet hekk:

> »… … … jidhrilha illi ma kellu jkun hemm l-ebda dubju dwar il-ġestjoni tal-lukanda in kwistjoni fis-sens illi din kellha tkun ġestita mis-sekwestratarju ġudizzjajru, tidderieġi lill-istess sekwestratarju ġudizzjarju fis-sens illi huwa għandu jqis li huwa awtorizzat li jaġixxi fit-termini tal-paragrafi wieħed (1) u tnejn (2) tar-rikors tiegħu b'dan però illi għar-rigward l-onorarju tiegħu jibqa' applikabbli dak li hemm kontemplat fl-artikolu 854 tal-Kap. 12 u bl-intendiment ċar illi huwa jkollu d-dritt illi jippreleva l-ispejjeż inerenti għall-istess ġestjoni mill-fondi disponibbli.«

18. Bla ma tikkummenta dwar jekk kellux ikun hemm dubju dwar jekk sekwestratarju ġudizzjarju – li s-setgħa u d-dmir tiegħu hu li jżomm l-oġġett li dwaru jkun hemm kawża bl-obbligu li jroddu, wara li tinqata' l-kawża, lil dak li lilu l-qorti tordna li l-oġġett għandu jintradd (art. 851(4)

Kod. Proċ. Ċiv.) – għandux ukoll is-setgħa, billi jżomm l-ishma, li wkoll imexxi s-soċjetà u n-negozju tagħha, il-qorti tosserva illi bid-dikriet tal-5 ta' Frar 1999 is-sekwestratarju ngħata setgħat aktar minn dawk ta' sekwestratarju u mhux neċessarjament marbuta magħhom għax persuna tista' jkollha setgħat ta' direttur ta' soċjetà bla ma jkollha ishma f'dik is-soċjetà.

19. Mela s-setgħat ta' Vincent Edward Ciliberti joħorġu mhux mill-ħatra tiegħu *qua* sekwestratarju iżda mid-dikriet tal-5 ta' Frar 1999, li jagħtih setgħat mhux neċessarjament marbuta mal-fatt li jżomm l-ishma, għax huma setgħat ta' direttur mhux ta' azzjonist, u għalhekk indipendenti mis-sekwestru. Għalhekk ladarba għandu jitqies li ngħata setgħat speċjali *ad hoc*, partikolarment is-setgħat ta' direttur, l-art. 851(3), li jirregola kemm idum fis-seħħ sekwestru – u mhux kemm idumu fis-seħħ setgħat ulterjuri mogħtija lill-persuna maħtura wkoll bħala sekwestratarju – ma japplikax għall-każ tallum.

20. Għal din ir-raġuni l-art. 851(3) ma kienx il-liġi applikabbli fil-każ tallum u l-qorti ma għamlitx ħażin li ma applikatux. Jekk imbagħad kellhiex tqis mitmuma b'applikazzjoni tad-disposizzjonijet tal-Att dwar il-Kumpanniji s-setgħat ta' amministrazzjoni u ġestjoni mogħtija lil Vincent Edward Ciliberti hija kwistjoni oħra li ma hijiex il-meritu tal-kwistjoni quddiem il-qorti llum.

21. Ir-rikors jistrieħ ukoll fuq l-osservazzoni li għamlet il-Prim'Awla fuq dak li sejħitlu *ostensible authority.* Id-dottrina tal-*ostensible authority* iżda ma għandha ebda relevanza fil-każ tallum għax hija maħsuba mhux

biex tagħti lill-*falsus procurator* setgħat li ma għandux iżda biex tħares l-interessi ta’ terzi *in bona fide* li jkunu innegozjaw miegħu bla ma jafu bil-limitazzonijiet għas-setgħat tiegħu. Fil-każ tallum ma jidħlux drittijiet ta’ terzi.

22. Għal dawn ir-raġunijiet l-aggravju msejjes fuq l-art. 811(*e*) – applikazzjoni ħażina tal-liġi – huwa miċħud.

23. It-tieni aggravju huwa msejjes fuq l-art. 811(*l*) – żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża – u ġie mfisser hekk:

> »Fil-fehma tal-esponenti s-sentenza aħħarija tal-Qorti tal-Appell u li tagħha qiegħda tintalab ir-ritrattazzioni hija effett ta’ żball, partikolarment meta hija qieset li l-esekuzzjoni tas-sentenza kienet seħħet fl-intier taghha – u għalhekk illi s-sekwestru ġudizziaqu kien ġie fi tmiemu awtomatikament nhar il-14 ta’ Mejju 2009 anke fin-nuqqas ta’ digriet kif jitlob l-artikolu 851(3) – meta fil-verità jirriżulta mid-digriet ta’ din l-istess qorti tas-27 ta’ Frar 2013 illi fil-verità dik is-sentenza kienet għadha ma ġietx esegwita fl-interezza tagħha tant illi din il-qorti ddikjarat illi
>
> > »“qabel xejn min hu interessat għandu jipproċedi sabiex jesegwixxi fl-interezza tagħha s-sentenza finali ta’ din il-qorti tat-30 ta' Mejju 2008 … … …”
>
> »… … … jirriżulta ċar kemm mis-sit elettroniku tar-Reġistru tal-Kumpanniji u kif ukoll mir-rikors intavolat minn *Finvest International Limited* nhar il-15 ta’ Ġunju 2015, illi *Busietta Group Limited*, ġà *Busietta Group of Companies Limited* ġà *A.B. Holdings Limited* sallum ma tidhirx li hija azzjonist ta’ dak is-sehem li din l-onorabbli qorti ordnat li għandu jiġi trasferit lura lilha.«

24. Dan l-argument jolqot il-kwistjoni jekk għadux fis-seħħ is-sekwestru u mhux jekk għadhomx fis-seħħ is-setgħat ulterjuri mogħtija mhux bid-dikriet ta’ ħatra ta’ sekwestratarju ġudizzjarju iżda bid-dikriet *ad hoc* tal-5 ta’ Frar 1999. Għalhekk, għar-raġunijiet mogħtija fil-konsiderazzjonijiet dwar l-ewwel aggravju, dan l-aggravju ma għandhux relevanza għall-kwestjoni deċiża fis-sentenza attakkata.

25. Dan it-tieni aggravju wkoll għalhekk huwa miċħud.

26. Il-qorti għalhekk tiċħad it-talba għat-tħassir tas-sentenza attakkata u għas-smigħ mill-ġdid tal-appell.

27. L-ispejjeż relativi għall-eċċezzzjoni ta' nullità tal-appell tħallashom *Finvest International Limited*; l-ispejjeż l-oħra ta' dan l-episodju jħallashom Vincent Edward Ciliberti.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>Aġent President | Noel Cuschieri<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb